



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.12.2015
COM(2015) 905 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**Is-Sitt Rapport ta' Progress dwar l-Implementazzjoni mill-Ukrajna tal-Pjan ta' Azzjoni
dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża**

{SWD(2015) 705 final}

I. INTRODUZZJONI

Id-Djalogu ta' Liberalizzazzjoni tal-Viża UE-Ukrajna ġie varat f'Ottubru 2008. F'Novembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan ta' azzjoni dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża (PALV) lill-Gvern Ukren. Il-PALV jistabbilixxi sensiela ta' punti ta' riferiment preċiżi għal erba' "blokok"¹ ta' kwistjonijiet teknikament rilevanti, bil-għan li jiġi adottat qafas leġiżlattiv, politiku u istituzzjonali (fażi 1) u li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u sostenibbli tiegħu (fażi 2). Il-punti ta' riferiment iridu jiġu ssodisfati qabel ma ċ-ċittadini Ukreni li jkollhom passaporti bijometriċi jkunu jistgħu jidħlu fiż-żona Schengen għal soġġorni qosra mingħajr il-ħtieġa ta' viża².

F'Settembru 2011, il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-PALV³ mill-Ukrajna u għamlet bosta rakkomandazzjonijiet għat-tlestija tal-ewwel fażi (aspett leġiżlattiv u ppjanar). Il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni rapport ta' progress tagħha fid-9 ta' Frar 2012, u t-tielet wieħed fil-15 ta' Novembru 2013. **Wara r-raba' rapport tal-Kummissjoni (27 ta' Mejju 2014)⁴ u l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill (23 ta' Ġunju 2014),** l-Ukrajna kienet uffiċjalment fit-tieni fażi tal-pjan ta' azzjoni fejn saret valutazzjoni rigward l-implimentazzjoni sostenibbli tal-qafas leġiżlattiv u ta' politika.

Il-Kummissjoni ppubblikat il-ħames rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-PALV mill-Ukrajna fit-8 ta' Mejju 2015⁵. Ir-rapport jgħid li l-progress miksub mill-awtoritajiet Ukreni fl-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-PALV mill-Ukrajna kien notevoli. Skont il-metodoloġija spjegata fil-PALV, il-Kummissjoni organizzat evalwazzjonijiet fuq il-post bl-involvement ta' esperti mill-Istati Membri tal-UE. Ir-rapport kien akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatti migratorji u tas-sigurtà ta' liberalizzazzjoni tal-viża futura għaċ-ċittadini Ukreni li jkunu qed jivvjaġġaw lejn l-UE.

Is-sitt rapport huwa t-tieni rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-PALV mill-Ukrajna. Huwa jikkunsidra kemm l-awtoritajiet Ukreni implimentaw il-punti ta' riferiment tat-tieni fażi b'mod effettiv u sostenibbli, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-ħames rapport tal-Kummissjoni. Dan ir-rapport ma jelaborax fuq dawk il-punti ta' riferiment li kienu kkunsidrati bħala diġà miksuba fl-aħħar rapport minħabba li l-monitoraġġ kien wera li qed ikomplu jiġu ssodisfati. Dawn il-punti ta' riferiment huma: il-kooperazzjoni għidizzjarja f'materji kriminali, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' dokumenti ta' vjaġġar u ta' identità.

Il-valutazzjoni u l-informazzjoni fattwali huma bbażati fuq is-sejbiet tal-**missjonijiet ta' evalwazzjoni tal-UE** li saru fl-Ukrajna mill-31 ta' Awwissu 2015 sat-2 ta' Ottubru 2015 fl-erba' blokok tal-PALV, li involvew esperti mill-Istati Membri tal-UE, uffiċjali mill-

¹ Dawn huma: (i) is-sigurtà tad-dokumenti, inkluża l-bijometrika; (ii) il-ġestjoni integrata tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-ażil; (iii) l-ordni pubblika u s-sigurtà; (iv) relazzjonijiet esterni u drittijiet fundamentali.

² Il-benefiċjarji tal-eżenzjoni mill-viża li jkollhom passaport bijometriku jistgħu jgħaddu bi tranżitu jew joqogħdu fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE (ħlief ir-Renju Unit u l-Irlanda) u l-Istati assoċjati ma' Schengen għal mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum mingħajr ma japplikaw għal viża.

³ COM(2013) 809 final.

⁴ COM(2014) 336 final.

⁵ COM(2015) 200 final.

Kummissjoni, id-Delegazzjoni tal-UE għall-Ukrajna u rappreżentanti tagħha. Inkisbet informazzjoni addizzjonali permezz ta' **laqgħat u komunikazzjonijiet sussegwenti bejn il-Kummissjoni, is-SEAE u l-awtoritajiet Ukreni, kif ukoll** ir-rapporti ta' progress mibgħuta mill-Ukrajna fis-17 ta' Awwissu u fit-22 ta' Novembru 2015.

Ir-rapport huwa **akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni**⁶, li jelabora dwar l-iżviluppi deskritti fir-rapport. Fl-anness mad-dokument ta' ħidma tal-persunal, kif rikjest mill-PALV, il-Kummissjoni tipprovdi analiżi aġġornata u informazzjoni bbażata fuq l-istatistika dwar impatti migratorji u ta' sigurtà possibbli tal-liberalizzazzjoni tal-viża futura għaċ-ċittadini Ukreni li jkunu qed jivvjaġġaw lejn l-UE, abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-aġenziji u l-partijiet ikkonċernati tal-UE. **Il-valutazzjoni tal-impatt** tagħti x-xejriet ewlenin prospettivi fl-oqsma ta' migrazzjoni u sigurtà. Din turi li l-UE għadha destinazzjoni attraenti għall-migranti mill-Ukrajna u li hemm sfidi migratorji u ta' sigurtà potenzjali li jridu jiġu monitorizzati.

2. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURI SKONT IL-PUNTI TA' RIFERIMENT LI JIFDAL TAL-PJAN TA' AZZZJONI DWAR IL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-VIŻA

2.1. Blokk 1: Is-sigurtà tad-dokumenti, inkluża l-bijometrika

Sar progress sinifikanti mit-12 ta' Jannar 2015, bil-ħruġ ta' passaporti bijometriċi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. Għall-kontrolli fuq iċ-ċittadini Ukreni li jħallu t-territorju, **il-kontroll tat-tieni linja** fl-ajruport ta' Kiev Boryspil jista' jaċċessa l-marki tas-swaba' maħżuna fil-passaporti Ukreni u għalhekk jista' jiċċekkja l-marki tas-swaba' tad-detentur ma' dawk maħżuna fiċ-ċippa.

Fid-19 ta' Awwissu 2015 kienu adottati emendi għar-regoli ta' proċedura biex jittrattaw kull **effett sekondarju tal-bidliet fl-isem** mal-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identifikazzjoni. Kemm il-passaport intern u kemm il-passaport għall-ivvjaġġar fl-esteru jiġu kkanċellati fil-każ ta' bdil fl-isem.

Għaddejjin konsultazzjonijiet tekniċi dwar **it-twaqqif ta' rabta awtomatika** bejn ir-Reġistru Demografiku Unifikat tal-Istat u l-entrati tar-Reġistru Ċivili. Ir-rabta mistennija tkun operattiva mill-1 ta' Jannar 2016.

F'Mejju, l-Ukrajna bdiet toħroġ passaporti diplomatiċi u ta' servizz bijometriċi u toħroġ passaporti bijometriċi fil-konsulati. It-tagħmir beda jintuża fi 98 uffiċċju konsulari. Il-karti tal-identità bijometriċi l-ġodda qed jiġu ttestjati u se jibdwu jinħarġu mill-1 ta' Jannar 2016.

Il-punt ta' riferiment tas-sigurtà tad-dokument hu meqjus li ntlaħaq.

2.2. Blokk 2: Ġestjoni integrata tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, l-ażil

2.2.1 Ġestjoni integrata tal-fruntieri

⁶ SWD(2015)705 final.

L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri fl-Ukrajna avvanzat. Is-Servizz Statali tal-Gwardja tal-Fruntieri (SSGF) qed javvanza lejn aġenzija moderna tal-eżekuzzjoni tal-liġi b'konformità mal-aqwa prattiki tal-UE, minkejja s-sitwazzjoni kumplessa fil-lvant tal-pajjiż.

L-awtoritajiet Ukreni żguraw **aċċess għall-bażijiet tad-dejta tal-Interpol** f'punti ta' qsim tal-fruntiera. F'Novembru, 39 punt ta' qsim tal-fruntiera ġew konnessi mal-bażijiet ta' dejta tal-Interpol. Il-118-il punt ta' qsim tal-fruntiera li jifdal se jkunu konnessi fl-2016. L-Ukrajna ħadet passi ulterjuri **fil-kooperazzjoni dwar il-kontroll fil-fruntieri** u s-sorveljanza fil-fruntieri mal-pajjiżi ġirien, li diġà kienu qed jaħdmu pjuttost sew. Is-SSGF abbozza Kunċett ġdid għall-perjodu 2016-2020 dwar l-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri futura. Is-SSGF, fi djalogu inklussiv ma' aġenziji tal-fruntieri oħrajn u l-atturi rilevanti, issa huwa mistenni li jipproduċi dokument komprensiv li jsegwi l-aqwa eżempji tal-UE u jindirizza l-kwistjonijiet ewlenin tal-kooperazzjoni u l-koordinament interdepartimentali, interaġenziji u internazzjonali.

Mis-6 ta' Novembru 2015, is-SSGS qed iqis proposti mill-ministeri u l-aġenziji involuti dwar l-abbozz ta' Kunċett u l-Pjan ta' Azzjoni ta' implimentazzjoni tiegħu. L-abbozz jipprevedi li l-Kunċett jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016.

Il-punt ta' riferiment tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri hu meqjus li ntlaħaq.

2.2.2 Ġestjoni tal-migrazzjoni

Il-liġi **dwar il-migrazzjoni esterna tal-ħaddiema** ġiet adottata fit-tieni qari fil-5 ta' Novembru 2015 u ġiet iffirmata mill-President fil-21 ta' Novembru. Dan huwa pass pożittiv ħafna, peress li l-liġi se tirregola l-kwistjonijiet ta' riintegrazzjoni fil-livell leġiżlattiv.

Il-kapaċità tas-Servizz Statali tal-Migrazzjoni (SSM) li jkun jista' jittratta d-**detezzjoni interna** żdiedet. Fis-27 ta' Mejju 2015, il-Gvern Ukren adotta riżoluzzjoni li mill-1 ta' Jannar 2016, is-SSM jingħata 500 impjegat ieħor, inklużi uffiċjali bil-kompitu li jiġġieldu l-migrazzjoni irregolari u jagħmlu detezzjoni interna. Bħalissa qed isir it-**taħriġ fil-lingwi**. Is-SSM qed jesplora modi ulterjuri ta' kif jista' jinvolvi lis-sħab internazzjonali fit-titjib tal-ħiliet fil-lingwi barranin tal-persunal tiegħu. Il-**Profil tal-Migrazzjoni** għall-2014 ġie aġġornat u ppublikat fil-5 ta' Mejju 2015.

Il-punt ta' riferiment tal-ġestjoni tal-migrazzjoni hu meqjus li ntlaħaq.

2.2.3 Ażil

Sar progress sostanzjali fit-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tal-ħames rapport. Is-**sottosistema tar-refuġjati** tal-bażi ta' dejta **tal-barranin** kienet installata. Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini tista' tinkiseb mill-proċessaturi tal-każ fis-sit web tas-Servizz Statali tal-Migrazzjoni. Mitt ċentru tal-**għajnuna legali** reġjonali u lokali ffinanzjati mill-pubbliku bdew jaħdmu fl-1 ta' Lulju 2015, u jipprovdu għajnuna legali sekondarja għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Ikkel li jikkorrispondi għal ċertu ammont ta' kuljum tal-valur nutrizzjonali meħtieġ għal kull persuna indipendentement mill-kost huwa pprovdut fiċ-ċentri ta' akkomodazzjoni temporanji għall-persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali u ta' dawk intitolati għall-protezzjoni internazzjonali.

Ingħata **taħriġ** lill-persunal li jaħdem fiċ-ċentri ta' akkoljenza, lil dawk li jieħdu ħsieb il-każijiet u lill-imħallfin. L-Ukrajna bħalissa għandha kapaċità ta' akkoljenza ta' 100 post disponibbli f'Odessa u 130 post fl-Oblast tat-Transkarpazja. Il-ftuħ ta' **ċentru ta' akkomodazzjoni** ġdid f'Yahotyn, Oblast ta' Kiev bi 353 post addizzjonali ġie pospost minn din is-sena għall-2017. Ix-xogħlijiet ta' titjib ta' 100 post addizzjonali fiċ-ċentru ta' akkomodazzjoni temporanja ta' Odessa jiddependu mill-iżblokkar ta' fondi maħsuba għal dan.

Punt ta' tħassib rikorrenti huwa li **l-prattika attwali tad-detenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' applikanti għall-ażil** mhix ibbażata fuq raġunijiet għad-detenzjoni stipulati fil-liġi. Fl-10 ta' Novembru 2015, il-Parlament adotta fl-ewwel qari abbozz ta' liġi dwar l-emendi għal-Liġi dwar il-Barranin, li tippredvi l-introduzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar id-detenzjoni ta' persuni suġġetti għall-proċeduri ta' ritorn. Salvagwardji simili u raġunijiet ta' detenzjoni speċifiċi jistgħu jkunu previsti għad-detenzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali li joqogħdu fl-Ukrajna legalment.

Il-punt ta' riferiment tal-ażil hu meqjus li ntlaħaq.

2.3. Blokk 3: L-ordni pubbliku u s-sigurtà

2.3.1. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni

2.3.1.1. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata

Fis-26 ta' Mejju 2015 il-President tal-Ukrajna approva l-Istrateġija ta' Sigurtà Nazzjonali, li għandha l-għan li tiddefinixxi **l-viżjoni u d-direzzjoni kumplessiva tal-proċess ta' riforma**. L-Istrateġija hija pass tajjeb 'il quddiem.

Il-proċess kumpless ta' riforma tal-Ministeru tal-Intern u l-aġenziji responsabbli mill-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata għadu għaddej. L-awtoritajiet għandhom l-għan li jistabbilixxu l-kompetenzi tal-mandati tal-aġenziji tal-eżekuzzjoni tal-liġi, inkluża katina ta' responsabbiltà ċara għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni. L-elementi ewlenin tar-riforma, bħal ġurisdizzjoni ċara u l-prevenzjoni tat-trikkib ta' funzjonijiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata għandhom ikunu segwiti ulterjorment.

L-awtoritajiet Ukreni jagħmlu sforzi biex **inaqqsu s-setgħat investigattivi ta' qabel il-proċess** tas-Servizz tas-Sigurtà għall-intelligence u l-counterintelligence. Fil-21 ta' Novembru 2015, il-President iffirma liġi bl-għan li tottimizza s-setgħat ta' eżekuzzjoni tal-liġi fl-investigazzjoni ta' qabel il-proċess. Il-kompetenza dwar is-**setgħat preinvestigattivi** tal-kuntrabandu illegali ġiet ittrasferita mis-Servizz tas-Sigurtà lill-Ministeru tal-Intern. L-**ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin u l-prosekuzzjoni** għall-każijiet ta' kriminalità organizzata ġiet ikkunsidrata ulterjorment.

Biex jiżguraw **protezzjoni tax-xhieda effettiva**, l-awtoritajiet Ukreni se jikkunsidraw l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-perjodu baġitarju li jmiss. Hija prevista proċedura ġdida għall-kooperazzjoni fi kwistjonijiet tal-protezzjoni tax-xhieda u l-applikazzjoni konsistenti tal-ordnijiet ta' protezzjoni tax-xhieda.

Il-punt ta' riferiment tal-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontriha hu meqjus li ntlaħaq.

2.3.1.2. It-traffikar tal-bnedmin

L-Ukrajna ħadet għadd ta' passi sinifikanti biex tiżviluppa politika u azzjonijiet kontra t-traffikar, permezz tal-adozzjoni ta' *Programm Statali għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin*, li huwa skedat li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016.

Il-Ministeru tal-Politika Soċjali jagħmel konsultazzjonijiet ma' awtoritajiet oħrajn u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali; madankollu, ix-xogħol fuq il-**valutazzjoni tar-raġunijiet għat-tnaqqis** fil-vittmi identifikati u **monitoraġġ aħjar ta' xejriet emerġenti** għadu għaddej.

L-għadd ta' vittmi identifikati għadu qed ikun baxx ħafna. Mid-19 ta' Novembru, l-awtoritajiet Ukreni taw l-istatus ta' vittma tat-traffikar (VOT) lil 140 persuna: 60 mara, 59 raġel u 21 minuri.

L-awtoritajiet Ukreni introduċew proċedura formali għall-identifikazzjoni tal-vittmi imma l-identifikazzjoni tiddependi milli l-vittmi stess japplikaw għall-identifikazzjoni. Twaqqaf ukoll mekkaniżmu nazzjonali li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn il-korpi rilevanti involuti fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (TTB). Is-sistema attwali ta' kontra t-traffikar tiffoka fuq l-Ukrajna bħala pajjiż ta' oriġini u ġew identifikati formalment biss ftit vittmi barranin tat-traffikar. Għandha tingħata attenzjoni ulterjuri għat-traffikar intern, speċjalment fir-rigward ta' persuni spustati internament.

Is-sistema ta' **monitoraġġ għall-pjan ta' azzjoni eżistenti kif ukoll l-evalwazzjoni** mill-2016 'il quddiem għadhom iridu jiġu implimentati. Dan għandu jinkludi rwol ċar għal organizzazzjonijiet mhux governattivi, u fondi suffiċjenti għall-parteċipazzjoni effettiva tagħhom. L-introduzzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ nazzjonali statistiku unitarju għat-titjib tal-proċess ta' identifikazzjoni tal-vittmi għandha tkun ta' benefiċċju għall-Ukrajna.

L-awtoritajiet Ukreni pprevedew finanzjament skont il-**mekkaniżmu nazzjonali ta' riferiment** għall-NGOs. **It-taħriġ** għall-uffiċjali dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċess ta' identifikazzjoni tal-vittmi tjieb.

Il-punt ta' riferiment tat-traffikar tal-bnedmin hu meqjus li ntlaħaq.

2.3.1.3. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontriha

Il-progress innutat fil-ħames rapport dwar il-politiki ta' kontra l-korruzzjoni, partikolarment il-progress leġiżlattiv u istituzzjonali, kompli. L-adozzjoni mill-Parlament, fit-8 ta' Ottubru 2015 ta' pakketti leġiżlattivi li jkopru aspetti tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport, huwa passi importanti 'l quddiem. Is-soċjetà ċivili kompliet bir-rwol kruċjali tagħha biex tmexxi 'l quddiem l-aġenda ta' kontra l-korruzzjoni.

Inħoloq **Uffiċċju Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (UNKK)**, bil-kap tiegħu jinħatar fis-16 ta' April 2015 wara proċess tal-għażla miftuħ u kompetittiv, u tqabbdu u tħarrġu madwar 100 investigatur. It-twaqqif tal-UNKK huwa għalhekk miexi sew. Madankollu, l-UNKK ma jistax ikun kompletament operattiv mingħajr uffiċċju speċjalizzat ta' prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni.

Filwaqt li l-proċess tat-twaqqif ta' dan l-**uffiċċju speċjalizzat il-ġdid ta' prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni** beda, xorta għad irid jiġi żgurat li l-indipendenza u l-integrità tiegħu jkunu rikonossuti mingħajr dubju. Nuqqasijiet fil-proċess tal-għażla għat-tmexxija tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni bħan-nuqqas ta' kriterji oġġettivi dwar l-esperjenza għan-nomina tal-membri tal-kumitat tal-għażla u l-kandidati, urew il-ħtieġa għall-qafas ġuridiku u istituzzjonali li jkunu mtejbja ulterjorment sabiex jiżguraw bis-sħiħ l-indipendenza u l-integrità tal-uffiċċju. Għal dan l-għan, il-proċeduri tal-ħatra u tat-tneħħija għat-tmexxija u l-persunal tal-uffiċċju jridu jsegwu salvagwardji ta' indipendenza u integrità iktar stretti. L-uffiċċju speċjalizzat tal-prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni għandu jsir operattiv bħala kwistjoni ta' prijorità ewlenija; huwa komponent indispensabbli ta' qafas istituzzjonali effettiv u indipendenti għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli għolja. Fit-30 ta' Novembru, il-Prosekutur Ġenerali ħatar il-kap tal-prosekuzzjoni speċjalizzata kontra l-korruzzjoni.

Kien hemm progress fit-twaqqif ta' **Aġenzija Nazzjonali għall-Prevenzjoni mill-Korruzzjoni (ANPK)**, speċjalment minn wara l-elezzjoni l-ġdida tal-bord tal-Aġenzija li saret fit-28 ta' Awissu 2015. Il-gvern huwa mistenni japprova l-bord b'ħames membri f'Diċembru 2015. Il-liġi dwar il-prevenzjoni tal-korruzzjoni, adottata f'Ottubru 2014 daħlet fis-seħħ fis-26 ta' April 2015. Hija tipprovdi għall-mekkaniżmi biex jiġu kkontrollati d-dikjarazzjonijiet tal-assi. Dawn il-kompiti se jsiru mil-ANPK. L-ANPK se tamministra wkoll il-portal tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, li qed jiġi żviluppat bħalissa. Fit-8 ta' Ottubru 2015 ġiet adottata liġi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi. Abbozz ta' liġi dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi (UIA) u l-Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Assi (UGA) għaddiet mill-ewwel qari fil-Parlament fit-8 ta' Ottubru 2015. Fl-10 ta' Novembru, il-Parlament adotta fit-tieni qari sett ta' liġijiet bl-għan li jtejbja l-proċeduri tal-irkupru tal-assi. Speċifikament, l-abbozzi tal-liġijiet: dwar l-UIA u l-UGA, dwar il-qbid tal-assi u l-konfiska speċjali fir-rigward ta' parti terza. Fil-forma proposta mill-Gvern, l-abbozzi tal-liġijiet kienu jipprevedu t-twaqqif ta' Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi li kien jinkludi wkoll funzjonijiet ta' ġestjoni li jikkonċernaw assi ffriżati u kkonfiskati, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar il-proċess tal-iffriżar u l-konfiska tal-assi. Għadd ta' emendi lit-test fil-Parlament illimitaw il-funzjonijiet tal-Aġenzija ta' ġestjoni attiva tal-assi maqbuda, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar il-qbid u l-konfiska.

Il-progress li sar fuq l-aspetti leġiżlattivi u istituzzjonali jista' jwassal biss għal riżultati finali sinifikanti jekk ikun implimentat bis-sħiħ.

It-tmexxija Ukrena impenjat ruħha li:

- tiżgura li l-Uffiċċju Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni u l-prosekuzzjoni speċjalizzata kontra l-korruzzjoni jkunu kompletament operattivi fl-ewwel kwart tal-2016;

- tiżgura, sal-ewwel kwart tal-2016, l-indipendenza u l-integrità tal-uffiċċju speċjalizzat tal-prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni, inkluż permezz ta' emendi fil-Liġi "Dwar il-Prosekuzzjoni" għas-salvagwardji xierqa għall-għażla u t-tneħħija tat-tmexxija tal-uffiċċju;

- tiżgura li l-Aġenzija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni tkun operattiva għalkollox fl-ewwel kwart tal-2016 u l-verifika tal-assi u kunflitti ta' interessi potenzjali ta' uffiċjali pubbliċi fl-iktar oqsma u pożizzjonijiet vulnerabbli għall-korruzzjoni se tiġi varata eżatt wara;

- ittejjeb il-kapaċità istituzzjonali dwar l-irkupru u l-ġestjoni tal-assi u, fl-ewwel kwart tal-2016, tadotta leġislazzjoni dwar il-proċeduri li jikkonċernaw il-qbid tal-assi u konfiska speċjali bil-ħsieb li l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi jsir kompletament effettiv;

- tiżgura fil-Baġit Statali għall-2016 u 'l quddiem, ir-riżorsi finanzjarji neċessarji għall-funzjonament sew tal-qafas istituzzjonali kontra l-korruzzjoni, inkluż l-Uffiċċju Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni.

Abbażi ta' dawn l-impenji, **il-punt ta' riferiment ta' kontra l-korruzzjoni hu meqjus li ntlaħaq.**

2.3.1.4. Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

Il-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna (BNU) ħa miżuri kontra banek li ma jiżvelawx **sjieda benefiċjarja aħħarija** u żgura identifikazzjoni effettiva tal-klijenti. Fil-5 ta' Ottubru 2015, 132 minn 135 bank kummerċjali kienu żvelaw is-sjieda tagħhom b'konformità mar-regolamenti l-ġodda. Fil-BNU nħolqot unità speċjali, biex timmonitorizza s-sidien benefiċjarji. Sal-aħħar ta' Diċembru 2015, il-BNU ppjana li jiffinalizza għodod sorveljatorji għal kontra l-ħasil tal-flus, fuq il-post u le, ibbażat fuq ir-riskju relatat mal-persuni lokali politikament esposti.

Fit-2 ta' Settembru 2015, twaqqfet **unità speċjalizzata** biex tikkoordina l-investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fi ħdan id-Dipartiment tas-Sorveljanza fil-Proċedimenti Kriminali tal-Prosekutur Ġenerali. L-unità għandha l-kompitu tal-koordinament tal-investigazzjonijiet f'kawżi ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu. Il-funzjonament operattiv ta' din l-unità għandu jkun immonitorizzat ulterjorment.

Is-servizzi onlajn kollha li ma għandhomx **identifikazzjoni tal-klijent** jew monitoraġġ tal-oriġini tal-flus iridu jitqiesu bħala riskju. Il-BNU qed jagħmel sforzi biex jirregola s-sistemi ta' ħlas mhux offruti mill-banek. Huwa jikkoopera wkoll mal-awtoritajiet tal-eżekuzzjoni tal-liġi biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġislazzjoni minn daww is-sistemi ta' ħlas li mhumiex fil-BNU. Huwa importanti wkoll li jkun enfasizzat li l-Uffiċċju tal-Prosekutur fetaħ kawżi u beda investigazzjonijiet kriminali kontra aġenti tal-flus diġitali suspettati b'ħasil tal-flus.

Il-punt ta' riferiment dwar il-ħasil tal-flus huwa meqjus li ntlaħaq.

2.3.1.5. Drogi

L-Istrateġija Nazzjonali Kontra d-Droga u l-pjan ta' azzjoni relatat qed jiġi implimentati permezz tat-tieni pjan ta' azzjoni għall-perijodu 2015-2020.

L-awtoritajiet ikkonsidraw li jikkonsolidaw id-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drogi fi **strument legali wieħed**. Dan se jgħin l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna dwar id-drogi. Il-Ministeru tas-Saħħa jiżgura l-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-politika dwar id-drogi li jieħdu sehem fl-implimentazzjoni tal-politika statali dwar il-kontroll tad-drogi fuq bażi regolari. Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-2015 dwar l-Istrateġija ta' implimentazzjoni tal-Politika dwar id-Drogi fl-2020, il-Ministru tal-Intern huwa involut fl-implimentazzjoni tal-miżuri ppjanati flimkien mas-Servizz tas-Sigurtà, is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera Statali, u s-Servizz Fiskali Statali, inkluż it-tweġġ ta' miżuri operattivi-preventivi għas-sejbien u l-qbid ta' drogi, sustanzi psikotropiċi, l-analogi u l-prekursuri tagħhom, u drogi tossiċi u potenti. Bejn l-1 ta' Jannar u d-9 ta' Novembru 2015, l-SSGF qabad iktar minn 200kg drogi.

Il-punt ta' riferiment ta' kontra d-droga hu meqjus li ntlaħaq.

2.3.2. Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali

Il-punt ta' riferiment għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali, li kien meqjus li ntlaħaq fil-ħames rapport ta' progress, baqa' milħuq.

2.3.3. Kooperazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-liġi

Fir-rigward tal-**kooperazzjoni bejn l-aġenziji**, ir-riforma tal-Ministeru tal-Intern għadha għaddejja. Sa tmiem l-2015, il-Ministeru huwa ppjanat li jinbidel f'korp ċivili, li l-fini ewlenija tiegħu hija li jiffirma politika statali konsistenti u jidderieġi l-attivitajiet ta' aġenziji oħrajn (il-Pulizija Nazzjonali, il-Gwardja Nazzjonali, is-Servizz Statali tal-Gwardja tal-Fruntieri, is-Servizz Statali tal-Migrazzjoni u s-Servizz Statali ta' Emerġenza). Fit-2 ta' Lulju 2015, il-Parlament adotta l-Liġi tal-Ukrajna "Dwar il-Pulizija Nazzjonali", li daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Novembru 2015. Il-liġi tipprevedi l-ottimizzazzjoni tal-Pulizija Nazzjonali, separazzjoni ċara tas-setgħat strutturali, l-eliminazzjoni ta' funzjonijiet idduplikati b'konformità mal-istandards Ewropej. L-isforzi ta' riforma tal-Ministeru f'dan ir-rigward hija pożittiva ħafna.

L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-eżekuzzjoni tal-liġi qed isir bl-użu tas-sistema "Arkan" - sistema interaġenziji integrata għat-telekomunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kontroll ta' persuni, vetturi u prodotti li jaqsmu l-fruntiera statali.

Il-proċedura għall-**konklużjoni ta' ftehim operattiv tal-Europol** hija fi stadju avanzat ħafna. Fil-11 ta' Marzu 2015, ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil mill-Parti Ukrena u fid-19 ta' Marzu d-dokument ġie ffirmat mill-Europol. Fl-4 ta' Ġunju, il-Parlament adotta liġi li

tirratifika l-Memorandum ta' Qbil bejn l-Ukrajna u l-Europol dwar it-twaqqif ta' kanal ta' komunikazzjoni sikur; il-liġi daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Lulju. Id-deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva ttieħdet mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol fis-7 ta' Ottubru 2015. Bħalissa l-Uffiċċju Ukren tal-Interpol għaddej f'negozjati mal-Europol biex tibda l-ħidma biex jitwaqqaf il-kanal ta' komunikazzjoni sikur SIENA. **Il-Valutazzjoni tat-Theddid Gravi tal-Kriminalità Organizzata (SOCTA)** għall-Ukrajna ssir bl-użu tal-metodoloġija tal-Europol.

Il-kooperazzjoni internazzjonali mal-korpi ta' eżekuzzjoni tal-liġi tal-Ukrajna hija pprovduta mill-kanali tal-Interpol u tal-Europol għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

Il-punt ta' riferiment dwar il-kooperazzjoni fl-eżekuzzjoni tal-liġi huwa meqjus li ntlaħaq.

2.3.4. Protezzjoni tad-dejta

L-awtoritajiet Ukreni qegħdin jimplimentaw b'mod sodisfaċenti l-liġi dwar il-protezzjoni ta' dejta personali, u l-awtorità sorveljatorja indipendenti tad-dejta qiegħda topera b'mod effiċjenti.

Il-baġit tas-Segretarjat tal-Ombudsman żdied b'UAH 7 miljun (25%) u ġie allokat lil tliet dipartimenti tas-Segretarjat: id-Dipartiment tal-Protezzjoni tad-Dejta, l-Unità ta' Kontra d-Diskriminazzjoni u l-Unità għall-Aċċess għall-Informazzjoni Pubblika.

Il-punt ta' riferiment tal-protezzjoni tad-dejta hu meqjus li ntlaħaq.

2.4. Blokk 4: Relazzjonijiet esterni u drittijiet fundamentali

Minkejja l-isfidi interni u esterni sostanzjali kontinwi li l-pajjiż qed iħabbat wiċċu magħhom, l-Ukrajna għamlet progress sostenzjali f'dan il-qasam tul perjodu ta' żmien qasir.

2.4.1 Il-moviment liberu ġol-Ukrajna

L-infezzjoni mill-HIV/AIDS kienet eskluża mil-lista ta' mard kontaġġuż b'ordni tal-Ministeru tas-Saħħa Nru 329 tal-11 ta' Ġunju 2015. Dan ifisser li l-istatus tal-HIV/AIDS ma jistax jiġi invokat biex jinċaħdu permessi tal-immigrazzjoni. L-awtoritajiet Ukreni tejbu gradwalment l-applikazzjoni tal-qafas ġuridiku għall-aċċess lejn it-territorji li qegħdin taħt il-kontroll tal-gvern u minnhom, u introduċew miżuri li jissemplifikaw il-qsim tal-linja ta' kuntatt.

Il-punt ta' riferiment hu meqjus li ntlaħaq.

2.4.2 Il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' dokumenti ta' vjaġġar u ta' identità
Dan il-punt ta' riferiment tqies li ntlaħaq fil-ħames rapport ta' progress.

2.4.3 Id-drittijiet taċ-ċittadini, inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi

L-Ukrajna wriet approċċ strateġiku biex tiżviluppa l-kapaċità tal-istituzzjoni tal-ugwaljanza, l-istituzzjoni ewlenija li tittratta ma' kwistjonijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni. L-għadd ta' persunal tagħha żdied bi 15-il ruħ; il-baġit tal-2015 u t-tbassir għall-baġit tal-2016 jindikaw allokkazzjonijiet oġhla b'mod sinifikanti. L-istituzzjoni kompliet timplimenta l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-Ukrajna 2014-2017. Tnedew bosta kampanji ta' sensibilizzazzjoni mill-istituzzjoni tal-ugwaljanza u l-ministeri rilevanti. Il-President adotta l-istrateġija tad-drittijiet tal-bniedem fil-25 ta' Awwissu 2015, li tinkludi taqsimiet kontra d-diskriminazzjoni. L-Ukrajna kompliet timplimenta f'livell raġonevoli l-qafas ġuridiku dwar il-protezzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali. Sar progress sinifikanti fl-għoti ta' taħriġ dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni lill-uffiċjali tal-eżekuzzjoni tal-liġi, prosekuturi u mħallfin b'approċċ iktar sistematiku u permanenti. Peress li l-Ukrajna impenjat ruħha fl-Anness XL tal-Artikolu 21 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha lejn id-direttivi kontra d-diskriminazzjoni tal-UE, ir-rakkomandazzjoni tal-aħħar rapport ta' progress dwar it-titjib tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni titqies li tkun issodisfata ladarba l-pjan ta' azzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem jkun jinkludi lakuni

identifikati u jindika żmien limitat għal rimedju għalihom. Fit-12 ta' Novembru, il-Parlament adotta wkoll emendi għall-Kodiċi tax-Xogħol li jipprojbixxi b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali. Dawn ġew iffirmati mill-President fil-21 ta' Novembru u daħlu fis-seħħ fis-27 ta' Novembru. Il-leġislażzjoni sussegwenti f'dan il-qasam, bħall-Kodiċi tax-Xogħol il-ġdid li qed jistenna l-adozzjoni mill-Parlament, trid tiggarrantixxi l-istess projbizzjoni.

Il-punt ta' riferiment hu meqjus li ntlaħaq.

3. VALUTAZZJONI ĠENERALI U L-PASSI LI JMISS

Sa mit-tnedija tad-Djalogu dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viżi bejn l-UE u l-Ukrajna f'Ottubru 2008 u l-preżentazzjoni lill-awtoritajiet Ukreni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viżi (PALV) f'Novembru 2010, il-Kummissjoni rrapportat regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li għamlet l-Ukrajna biex tissodisfa l-punti ta' riferiment identifikati fl-erba' blokk tal-ewwel u tat-tieni fażi tal-PALV.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll timmonitorizza l-progress li sar mill-Ukrajna fl-oqsma rilevanti tal-PALV permezz:

- tal-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja tad-Djalogu dwar il-Viżi bejn l-UE u l-Ukrajna;
- tal-Kumitat Konġunt tal-UE u l-Ukrajna għall-Faċilitazzjoni tal-Viżi;
- tal-Kumitat Konġunt tal-UE u l-Ukrajna għar-Riammissjoni;
- tas-Sottokumitat tal-UE u l-Ukrajna dwar il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà;
- u tad-Djalogu bejn l-UE u l-Ukrajna dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Fl-aħħar Kumitat Konġunt għall-Faċilitazzjoni tal-Viżi li sar fit-23 ta' April 2015 u li kienu preżenti għalih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni nnotat li l-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viżi kienet, kumplessivament, sodisfaċenti ħafna. Konsultazzjoni reċenti li saret fis-6 ta' Mejju mal-Istati Membri kkonfermat li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Riammissjoni kompliet tipproċedi b'mod ġeneralment sodisfaċenti.

Id-Djalogu bejn l-UE u l-Ukrajna dwar il-Viżi wera li hu għodda importanti u partikolarment effettiva biex **jigħu avvanzati riformi diffiċli u estensivi fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern** u oqsma oħra, billi jolqot oqsma bħall-istat tad-dritt u r-riforma ġudizzjarja. Dawn il-kwistjonijiet huma mmonitorizzati f'oqfsa ta' djalogu oħrajn, bħall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u se jkunu mmonitorizzati wkoll fil-kuntest tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni.

Il-progress milhuk mill-Ukrajna fl-oqsma kollha koperti mill-erba' blokk tal-PALV huwa kostanti u effettiv. Dan juri l-impenn u l-isforzi kostanti tal-Gvern Ukren u l-istituzzjonijiet statali kollha li għamlu t-tweqqi tal-punti ta' riferiment tal-PALV prijorità nazzjonali ewlenija.

L-Ukrajna allokat riżorsi umani u finanzjarji xierqa biex tiżgura li r-riformi jkunu sostenibbli. L-UE wkoll qed tikkontribwixxi għal dan il-proċess, billi diġà allokat 'il fuq minn EUR 35 miljun għall-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' faċilitajiet ta' akkomodazzjoni temporanja għall-migranti illegali (il-proġett READMIT), appoġġ baġitarju għal ġestjoni integrata tal-fruntieri

(EUR 60 miljun) u appoġġ sostanzjali permezz ta' assistenza teknika u appoġġ baġitarju għall-għieda kontra l-korruzzjoni (madwar EUR 30 miljun).

L-implimentazzjoni kontinwa tar-riformi relatati mal-PALV se tkompli tkun appoġġata mill-pakkett il-kbir li ġej ta' proġetti ta' appoġġ għall-migrazzjoni li se jkopru l-bini ta' kapaċità komprensiva u titjib tas-sistemi ta' ġestjoni tal-informazzjoni għas-Servizz Statali dwar il-Migrazzjoni, il-Gwardji tal-Fruntieri Statali u l-Qrati li jittrattaw l-kawżi tal-migranti (EUR 28 miljun). Qed jitħejjew inizjattivi oħrajn li jappoġġaw l-eżekuzzjoni tal-liġi u l-għieda kontra l-korruzzjoni. .

Huwa essenzjali wkoll li jkomplu jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni ffukati bl-għan li jiġu ċċarati d-drittijiet u l-obbligi ta' vjaġġar mingħajr viżi lejn iż-żona Schengen u dwar ir-regoli rigward l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-UE.

Ġew ippreżentati ħames rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-PALV. Il-ħames rapport ta' progress ikkonferma li meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali, il-progress miksub fl-erba' blokok tal-PALV kien notevoli. Barra minn hekk, huwa jgħid li l-issodisfar tal-azzjonijiet meħtieġa fir-rapport jiżguraw l-issodisfar tal-punti ta' riferiment kollha għat-tieni fażi tal-PALV.

Il-Kummissjoni tqis li minn dak iż-żmien l-Ukrajna għamlet il-progress neċessarju u għamlet ir-riformi u l-impenji kollha meħtieġa biex tiżgura l-ksib effettiv u sostenibbli tal-punti ta' riferiment li jifdal. Il-miżuri kollha identifikati fil-ħames rapport ta' progress ġew indirizzati sabiex jiġi żgurat li l-qafas leġislativ u politiku, il-prinċipji istituzzjonali u organizzattivi, u l-implimentazzjoni tal-proċeduri madwar l-erba' blokok jikkonformaw mal-istandards Ewropej u internazzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorizza l-implimentazzjoni tar-riformi li għaddejjin, f'oqsma bħall-għieda kontra l-korruzzjoni, it-traffikar tal-bnedmin u l-kriminalità organizzata.

Abbażi ta' din il-valutazzjoni u l-impenji meħuda, u fid-dawl tar-risultat tal-monitoraġġ kontinwu u r-rapportar li sar mit-tnedija tad-Djalogu bejn l-UE u l-Ukrajna dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viżi f'Ottubru 2008, **il-Kummissjoni tqis li l-Ukrajna tissodisfa l-punti ta' riferiment stabbiliti fir-rigward tal-erba' blokok tat-tieni fażi tal-PALV**. Wara li kkunsidrat ir-relazzjonijiet kumplessivi ta' bejn l-UE u l-Ukrajna, il-Kummissjoni se tippreżenta, fil-bidu tal-2016, proposta leġislattiva biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 539/2001.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorizza attivament l-implimentazzjoni kontinwa tal-Ukrajna tal-punti ta' riferiment kollha skont l-erba' blokok tal-PALV permezz tal-istrutturi u d-djalogi ta' assoċjazzjoni eżistenti u, jekk ikun meħtieġ, permezz ta' mekkaniżmi ta' segwitu *ad hoc*.